

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż li jissupplimenta l-Avviż tal-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja li jikkonċerna d-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi fiż-żona ta' *Lubycza Królewska* (2020/C 83/06)**

(2020/C 298/03)

**Avviż li jemenda l-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali minn entitajiet oħra interessati fl-attività**

Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ppubblika Avviż dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi - Avviż ta' applikazzjoni għal konċessjoni għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali fiż-żona ta' *Lubycza Królewska* (2020/C 83/06). Dan l-Avviż jispeċifika l-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal konċessjonijiet minn entitajiet oħra interessati fl-attività li għaliha se tingħata l-konċessjoni, speċifikament sa mhux aktar tard minn nofsinhar 12:00 (CET/CEST) fl-aħħar jum tal-perjodu ta' 180 jum li jibda mill-għada tal-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (jiġifieri sad-9 ta' Settembru 2020).

Skont ir-Regolament tal-Ministru għas-Saħħa tal-20 ta' Marzu 2020 li jiddikjara *stat ta' epidemija fir-Repubblika tal-Polonja* (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2020, il-punt 491, kif emendat) ġie ddikjarat *stat ta' epidemija fir-Repubblika tal-Polonja* fil-perjodu mill-20 ta' Marzu 2020 sakemm jingħata avviż ieħor b'rabta mal-infezzjonijiet bil-virus SARS-CoV-2.

L-Artikolu 15zr(1)(2) tal-Att tat-2 ta' Marzu 2020 dwar *arranġamenti speċjali għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-ġlieda kontra l-COVID-19, mard ieħor li jittieħed u s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati* (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2020, il-punt 374, kif emendat) daħal fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2020. Skont dik id-dispożizzjoni, waqt theddida epidemika jew *stat ta' epidemija* ddikjarat minħabba l-COVID-19, il-limiti taż-żmien amministrattivi stabbiliti mil-liġi amministrattiva għat-twertiq minn parti ta' atti li jiffurmaw id-drittijiet u l-obbligi tagħha, ma jibdex jiddekorru u huma sospiżi għal dak il-perjodu.

Fis-16 ta' Mejju 2020, daħal fis-seħħ l-Artikolu 68(2) tal-Att tal-14 ta' Mejju 2020 *li jemenda diversi atti li jikkonċernaw ix-xibka ta' sikurezza b'rabta mat-tixrid tal-virus tas-SARS-CoV-2* (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 2020, il-punt 875, kif emendat). Skont dik id-dispożizzjoni, il-limiti taż-żmien għat-twertiq minn parti ta' atti li jiffurmaw id-drittijiet u l-obbligi tagħha, li ġew sospiżi abbażi tal-Artikolu 15zr(1) tal-Att tal-2 ta' Marzu 2020 *dwar arranġamenti speċjali għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-ġlieda kontra l-COVID-19, mard ieħor li jittieħed u s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati* (Il-Ġurnal tal-Liġijiet, il-punt 374, kif emendat) għandhom ikompli wara sebat ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att *li jemenda diversi atti dwar ix-xibka ta' sikurezza b'rabta mat-tixrid tal-virus SARS-CoV-2* (jiġifieri wara l-24 ta' Mejju 2020).

Minħabba f'hekk, ninfurmak li l-iskadenza tal-1 ta' **Novembru 2020** għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal konċessjonijiet għall-prospettar u l-esplorazzjoni ta' depożiti taż-żejt u tal-gass naturali u l-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali minn entitajiet oħra interessati fl-attività li għaliha qed tingħata l-konċessjoni fiż-żona ta' *Lubycza Królewska* ġiet estiża sa nofsinhar 12:00 (CET/CEST).

għall-Ministru

Katarzyna KOT

Il-Kap tat-Taqsima tal-Politika Ambjentali